KEATS:
IR-RUŻINJOL FUQ L-GĦATBA TAT-TMIEM

Minkejja l-qosor ta' ħajtu marradija, John Keats (1795-1821) irnexxielu jħalli warajh wirt għani ta' poeżiji li fl-universalità tagħhom ipoġġuh fost il-poeti ewlenin ta' kull żmien. Kif ikkummenta l-obitwarju li deher wara mewtu, *"no pen of the present age can lay claim to the epithet of poetical, on the ground of a powerful fancy, freshness of colouring, and force of expression, if Keats be not allowed a claim far from humble, on those distinguishing characteristics of the sons of song."* [1] Il-karriera poetika tiegħu infirxet tista' tgħid fuq l-aħħar ħames snin ta' ħajtu; wara li l-ewwel ġabra ta' poeżiji tiegħu fl-1817 ma tantx għamlet ħoss, għalkemm kienet tinkludi sunett (*On First Looking into Chapman's Homer*) li wara kellu jsir famuż, beda jaħdem fuq *Endymion*, li lesta fl-1819. Dil-poema, imsejsa fuq l-idea ta' l-immortalità ta' dak li hu sabiħ, qanqlet kritika ħarxa kontrieh. Kemm il-mewt ta' wieħed minn ħutu bit-tuberkuloži, kif ukoll l-emigrazzjoni ta' l-ieħor, daħħluh fi kriżi li kkaratterizzat ruħha mill-mistoqsijiet eżistenzjali dejjiema li saqsa. Il-ġabra ta' poeżiji ta' l-1820 kienet tinkludi wħud mill-ifjen versi tiegħu, bħal *The Eve of St Agnes* u l-*Odi*; *Fancy* kitibha ftit xhur qabel ma kiteb l-*Odi*, li jiffurmaw il-qalba tal-kontribut letterarju tiegħu, f'ambjent ta' mard u frustrazzjoni mnikkta. Fiha jitħaddet dwar dak li Vendler issejjaħ "l-*ennui* eventwali tas-sensi"[2], u kif dan jiddewwa permezz tal-ħelsien ta' l-immaġinazzjoni fl-istħajjil bla rbit. Minkejja li jirrappreżentaw waqtiet opposti tas-sena, sewwasew iż-żerniq tal-ħajja fuq naħa, u l-għabex tagħha fuq in-naħa l-oħra, il-Ħarifa u r-Rebbiegħa jitlaqqgħu flimkien fuq il-livell ħalliemi tar-realtà.

Mid-dehra f'dan l-istadju Keats aktar kien qiegħed ifittex "l-estasi intellettwali immaġinattiva" milli s-sensazzjoni fiżika, minħabba li ta' l-ewwel, kontra tat-tieni, toffri intensità imtawla[3]. Dix-xejra tidher iżjed fiċ-ċar fl-*Ode to Psyche*, fejn jesklama:

> *"in the midst of this wide quietness*
> *A rosy sanctuary will I dress*
> *With the wreathed trellis of a working brain,*
> *With buds, and bells, and stars without a name,*
> *With all the gardener Fancy e'er could feign,*
> *Who breeding flowers will never breed the same..."*
>
> Ode to Psyche, v.58-63

Keats ixebbaħ lil dik li bil-Malti qlibtha bħala l-Ħajra (għalkemm wieħed jifhem li hemm diversi possibilitajiet ta' traduzzjoni ta' *Fancy* fi lsienna) mal-ġennien

li jgħin u jtejjeb il-ħolqien. Fil-fatt hemm xebh bejn kif Keats jikkonċepixxi l-Ħajra, u l-viżjoni Aristotelika tal-funzjoni ta' l-Arti kif insibuha fil-*Poetika* bħala dik ta' titjib fuq in-natura reali. Il-versi ta' Keats jixħdu mħabba għan-natura li għal xi ħin titilfek fil-ġmiel tagħha, kif qal il-Kardinal Wiseman iżjed minn mitt sena ilu[4]. Keats jagħżel li jaħrab mir-realtà sewwasew għax m'għandux ħliefha; il-funzjoni tal-Ħajra tista' titqies bħala t-tqarrib ta' dak li hu lejn dak li messu jkun.

Ifisser ħafna l-fatt li f'ċerti waqtiet Keats juża *Fancy* minflok *Poesy*, u bil-maqlub[5]. Huwa jitlaq min-normalità biex, fuq livell differenti, isawwar sensiela ta' assoċjazzjonijiet semantiċi li huma t-twettiq ta' Ħajra meħlusa. F'dan is-sens ta' devjazzjoni metaforika minn dak li jseħħ fi ħdan l-ordni stabbilit ta' kuljum, nistgħu nidentifikaw l-effetti li jġib miegħu t-tħaddim ħieles ta' l-immaġinazzjoni, ma' l-effetti tal-Poeżija bħala tluq mil-loġika tan-normali lejn l-art għammiela tal-ħolm.

Charles Dalli

NOTI

1 Obitwarju mhux iffirmat, *New Monthly Magazine and Literary Journal,* (1 ta' Mejju 1821), iii, pp256-7.
2. Vendler Helen, *The Odes of John Keats* (1983), p46.
3. *Ibid.*, p47.
4. Taħdita ta' l-1855 tal-Kardinal Wiseman, ikkwotat minn Matthews G.M. ed., *Keats: The Critical Heritage* (1971), p364
5. Chatterjee B., *John Keats: His Mind and Work* (1971), p388.

IL-ĦAJRA

Dejjem ħalli l-Ħajra tiġri,
Il-Pjaċir qatt m'huwa d-dar:
Il-Pjaċir idub kif tmissu,
Bħall-qatriet li x-xita tixħet;
Ħalli ddur lill-Ħajra mtajra
Minn ġol-ħsieb mifrux quddiemha:
Berrħu l-bieb ta' gaġġet moħħok,
Hi tiżġiċċa w għas-sħab togħla,
Ħelwa Ħajra! ejj', eħlisha;
Gost is-sajf imħassra bl-użu,
U t-tgawdija tar-Rebbiegħa

Dlonk tidbiel bħat-tifwir tagħha:
Il-frott aħmar tal-Ħarifa,
Minn ġoċ-ċpar u n-nida, mistħi,
Jxabba' b'togħmtu: imbagħad x'tagħmel?
Ħdejn in-nar intasab, meta
Z-zkuk imkebbsa jħeġġu b'ħerqa,
Bħall-ispirtu ta' lejl xitwi;
Meta l-art bla ħoss hi mgħammda,
U ż–zarbun it-tqil tat-tfajjel
Tal-moħriet, lis-silġ ikisser;
Meta l-Lejla jilqa' lill-Qamar
Għal konfoffa mdallma, ħalli
Jqaċċtu l-lejla minn ġos-sema.
Hemm intasab, imbagħad ibgħat,
B'moħħok mgħaġġeb bih innifsu,
Fuq missjoni 'l-Ħajr'; ibgħatha!
Għandha rsiera biex jaqduha:
Hija ġġib, minkejja r-reżħa,
Ħwejjeġ sbieħ li l-art tilfithom.
Hija ġġiblek, kollox b'kollox,
L-għaxqiet kollha ta' temp sajfi;
Il-blanzuni w qniepen f'Mejju
Minn ħażż niedi jew ħurriqa;
Il-ġid mgħarrem tal-Ħarifa,
F'serqa siekta w misterjuża:
Hi tħallatlek dal-pjaċiri
Bħal xi tliet inbejjed tajba
F'tazza, w int tleglighom: tisma'
Kant il-ħsad, mill-bogħod, 'mma ċari;
It-tħaxwix tal-qamħ maħsuda;
It-tjur ħelwa jgħannu 'l-għodwa;
Fl-istess waqt – isma'! t'April
L-alwetta bakkarija,
Jew iċ-ċawl bl-għajat ħabrieki,
Qed ifittxu z-zkuk u t-tiben.
B'ħarsa waħda inti tilmaħ
Margerita w marigolda;
Ġilji bajdanija, w l-ewwel
Primli qsajra illi fetħu;
Ġjaċint delli, bħas-sultana
Taż-żafiru ta' nofs Mejju;
U kull werqa u kull fjura
Hija mġawhra bl-istess xita.

Tara jixref ġurdien l-għalqa
Niexef minn raqda magħluqa;
U lis-serp, magħlub bix-xitwa
Jarmi l-ġilda fuq blat xemxi!
Bajd imnemmex tara f'bejta
Ġoż-żagħruna jfaqqas, meta
Ġenb il-qroqqa jiġi jserraħ
Sieket fuq il-bejta mħażża;
Imbagħad l-għaġġla u l-allarmi
Meta n-naħal jarmu 'l frieħhom;
Ġandar smin igedwed, waqt li
Tal-Ħarifa ż-żiffiet jgħannu.
Ħajra ħelw'! ejja ħarrabha;
Kull ma hu, hu mħassar bl-użu:
Fejn issib ħaddejn le dbielu
Meta ntwerew wisq? Liem tfajla
Fommha smin dejjem żagħżugħ?
Fejn hi l-għajn li ma tgħajjiex
Kaħla kemm hi? Fejn hu l-wiċċ li
Tixtieq tilmaħ kullimkien?
Fejn hu l-leħen li hekk artab
Li tixtieq tism'hekk sikwit?
Il-Pjaċir idub kif tmissu
Bħall-qatriet li x-xita tixħet.
Ħalli l-Ħajra mtajra ssiblek
Sieħb'għal moħħok: b'ħarsa ħelwa
Bħal bint Ċeres, qabel l-Alla
Tat-Turmenti ġie għallimha
Kif titqarras, kif iċċanfar;
B'qaddha u b'ġenbejha bojod
Daqs ta' Ħebe, meta ħżiemha
Żżerżaq 'l isfel minn ġol-qfieli
Mdiehba, ħdejn saqajha niżlu
U Ġove tgħaxxex – Aqta'
Rbit iċ-ċinga fina li
Lill-Ħajr' ijassar – iġri,
W hija ġġib għaxqiet bħal daw';
Ħalli l-Ħajra mtajra tiġri,
Il-Pjaċir qatt m'huwa d-dar.

(*Fancy* ta' John Keats, imxandra l-ewwel darba fl-1820; maqluba għall-Malti minn Charles Dalli, 1988)